



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.11.2013
COM(2013) 771 final

2013/0379 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jadatta l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni li japplikaw għar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea b'effett mill-1 ta' Lulju 2013

{SWD(2013) 453 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Bħal ma jsir kull sena, skont l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni bbażata fuq ir-rapport tal-Eurostat, irid jiddeċiedi qabel l-aħħar tas-sena dwar l-aġġustament tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni li japplikaw għar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-persunal kollu tal-UE.

Kuntest Ġenerali

Il-paritajiet ekonomiċi għar-remunerazzjoni jstabilixxu l-ekwivalenza bejn il-kapaċità tal-akkwist tar-remunerazzjonijiet mogħtija fi Brussell, bħala l-belt ta' referenza, u ta' dawk mogħtija fil-postijiet l-oħra tax-xogħol. Il-paritajiet ekonomiċi għall-pensjonijiet jstabilixxu l-ekwivalenza bejn il-kapaċità tal-akkwist tal-pensjonijiet mogħtija fil-Belġju, bħala l-pajjiż ta' referenza, u ta' dawk mogħtija fil-pajjiżi l-oħra ta' residenza. L-Eurostat ikkalkula dawn il-paritajiet bi qbil mal-korpi nazzjonali tal-istatistika.

Minħabba s-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fl-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal fl-2013 u l-2014, din il-proposta tal-Kummissjoni ma tinkludix l-aġġustament annwali tar-rimunerazzjonijiet u tal-pensjonijiet, iżda hija limitata għall-aġġustament tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni u l-aġġornament tad-data ta' referenza għar-rati tal-kambju.

Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Proposta tiġi ppreżentata kull sena f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal.

KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-metodi ta' konsultazzjoni użati, is-setturi prinċipali koperti u l-profil ġenerali ta' dawk li wieġbu

L-elementi tal-proposta ġew diskussi mar-rappreżentanti tal-persunal skont il-proċeduri xierqa.

Sommarju tat-tweġibiet riċevuti u l-mod ta' kif ġew ikkunsidrati

Il-proposta tikkunsidra l-opinjoni tal-partijiet ikkunsultati.

Valutazzjoni tal-impatt

Il-proposta għandha l-għan li taġġusta l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikati għar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet b'konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ. Il-leġiżlazzjoni fis-seħħ ma tippermettix alternattiva oħra.

ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Sommarju tal-azzjoni proposta

L-Eurostat ħejja rapport dwar il-bidliet fl-għoli tal-ħajja fil-Belġju u l-paritajiet

ekonomiċi li minnhom jiġu d-diversi ponderazzjonijiet.

AĠĠUSTAMENT TAR-REMUNERAZZJONI U L-PENSJONIJIET BARRA MILL-BELĠJU U L-LUSSEMBURGU

Il-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjoni, il-pensjonijiet u it-trasferimenti ta' parti mir-remunerazzjoni kif stabbilit fir-Regolament ġew ikkalkulati kif ġej:

- Ponderazzjonijiet għar-REMUNERAZZJONI tal-uffiċjali li jinsabu barra l-Belġju u l-Lussemburgu:

L-Eurostat ikkalkula, bi qbil mal-korpi nazzjonali tal-istatistika, il-paritajiet ekonomiċi li jistabbilixxu l-ekwivalenza bejn il-kapaċità tal-akkwist tar-rimunerazzjoni mħallsa fi Brussell u dik imħallsa fil-postijiet l-oħra tax-xogħol fl-1 ta' Lulju.

Il-ponderazzjonijiet applikabbli għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u aġenti oħra impjegati fl-Istati Membri barra l-Belġju u l-Lussemburgu huma ddeterminati skont il-proporzjonijiet bejn dawn il-paritajiet ekonomiċi u r-rati tal-kambju applikabbli fl-1 ta' Lulju.

- Ponderazzjonijiet għall-PENSJONIJIET barra l-Belġju u l-Lussemburgu u l-ponderazzjonijiet għat-TRASFERIMENTI:

L-Eurostat ikkalkula, bi qbil mal-korpi nazzjonali tal-istatistika, il-paritajiet ekonomiċi li jistabbilixxu l-ekwivalenza bejn il-kapaċità tal-akkwist tal-pensjonijiet mogħtija fil-Belġju u ta' dawk mogħtija fil-pajjiżi l-oħra ta' residenza fl-1 ta' Lulju.

Il-ponderazzjonijiet ikkalkulati għall-pensjonijiet ta' individwi li joqogħdu f'pajjiżi barra l-Belġju u l-Lussemburgu fid-diversi pajjiżi huma ddeterminati permezz tal-proporzjonijiet bejn dawn il-paritajiet ekonomiċi u r-rati tal-kambju applikabbli fl-1 ta' Lulju.

Skont l-Artikolu 17(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, dawn il-ponderazzjonijiet huma direttament applikabbli għal ċerti trasferimenti tal-uffiċjali u aġenti oħra.

Skont l-Artikolu 20 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, il-ponderazzjonijiet japplikaw biss għall-pensjonijiet fuq il-parti li tikkorrispondi mad-drittijiet tal-pensjoni akkwistati qabel l-1 ta' Mejju 2004.

Bażi legali

Ir-Regolamenti tal-Persunal, u b'mod partikolari l-Artikoli 63 u 64 tagħhom, jikkostitwixxu l-bażi legali.

Prinċipji tas-Sussidjarjetà u tal-Proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

- Il-proposta tikkonċerna qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni;

- L-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprevedi Regolament tal-Kunsill.

- Il-piż finanzjarju jirriżulta direttament mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal.

IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt tal-adattament tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni fuq in-nefqa amministrattiva huwa ttrattat fid-dettall fid-dikjarazzjoni finanzjarja annessa hawnhekk.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jadatta l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni li japplikaw għar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea b'effett mill-1 ta' Lulju 2013

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti permezz tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 63 u 64 tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Anness XIII tagħhom, u l-Artikoli 20 (l-ewwel paragrafu), 64, 92 u 132 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolamenti tal-Persunal emendati ma għandu jkun hemm l-ebda aġġornament tar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni fl-2013 u l-2014, l-aġġustament annwali għandu jkun limitat għaż-żamma tal-istess kapaċità ta' akkwist fil-postijiet varji tax-xogħol.
- (2) Sabiex jiġi garantit li l-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni igawdu l-istess kapaċità ta' akkwist irrispettivament mill-post tax-xogħol tagħhom, il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni li japplikaw għar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu aġġustati skont l-analiżi annwali tal-2013,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Lulju 2013, id-data "l-1 ta' Lulju 2010" li tidher fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal tiġi sostitwita bid-data "l-1 ta' Lulju 2013".

Artikolu 2

B'effett mill-1 ta' Lulju 2013, il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikabbli għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u aġenti oħra skont l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal ikunu kif indikati fil-kolonna 2 tat-tabella li ġejja.

B'effett mill-1 ta' Jannar 2014, il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikabbli skont l-Artikolu 17(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, għat-trasferimenti tal-uffiċjali u aġenti oħra jkunu kif indikati fil-kolonna 3 tat-tabella li ġejja.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2013, il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni applikabbli għall-pensjonijiet skont l-Artikolu 20(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal ikunu kif indikati fil-kolonna 4 tat-tabella li ġejja.

¹ ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

| 1 | 2 | 3 | 4 |
|----------------------|-----------------------------------|---------------------------------|-----------------------------|
| Pajjiż / Post | Remunerazzjoni 1.7.2013 | Trasferiment 1.1.2014 | Pensjoni 1.7.2013 |
| Il-Bulgarija | 57,5 | 56,8 | 100,0 |
| Ir-Rep. Ċeka | 80,0 | 74,8 | 100,0 |
| Id-Danimarka | 134,8 | 132,2 | 132,2 |
| Il-Ġermanja | 96,8 | 96,5 | 100,0 |
| Bonn | 94,9 | | |
| Karlsruhe | 92,8 | | |
| Munich | 108,2 | | |
| L-Estonja | 78,9 | 79,2 | 100,0 |
| L-Irlanda | 113,0 | 105,8 | 105,8 |
| Il-Greċja | 91,2 | 91,7 | 100,0 |
| Spanja | 96,3 | 91,3 | 100,0 |
| Franza | 117,4 | 109,2 | 109,2 |
| Il-Kroazja | 80,0 | 75,0 | 100,0 |
| L-Italja | 104,4 | 97,9 | 100,0 |
| Varese | 92,8 | | |
| Ċipru | 83,7 | 86,9 | 100,0 |
| Il-Latvja | 76,1 | 73,7 | 100,0 |
| Il-Litwanja | 71,9 | 71,1 | 100,0 |
| L-Ungerija | 76,1 | 67,0 | 100,0 |
| Malta | 84,4 | 84,5 | 100,0 |
| Il-Pajjiżi I-Baxxi | 108,9 | 105,6 | 105,6 |
| L-Awstrija | 108,3 | 104,8 | 104,8 |
| Il-Polonja | 73,0 | 66,0 | 100,0 |
| Il-Portugall | 83,1 | 85,1 | 100,0 |
| Ir-Rumanija | 69,8 | 62,4 | 100,0 |
| Is-Slovenja | 85,4 | 80,6 | 100,0 |
| Is-Slovakkja | 80,2 | 73,2 | 100,0 |
| Il-Finlandja | 123,7 | 114,9 | 114,9 |
| L-Isvezja | 132,9 | 124,4 | 124,4 |
| Ir-Renju Unit | 139,2 | 113,5 | 113,5 |
| Culham | 107,6 | | |

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTI

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jadatta l-koeffiċjenti ta' korrezzjoni li japplikaw għar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea b'effett mill-1 ta' Lulju 2013

1.2. Qasam/oqsmata ta' politika kkonċernat/i fl-istruttura ABM/ABB²

Jista' jikkonċerna l-oqsmata u l-attivitajiet kollha.

1.3. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.3.1. *Rekwiżit/i li jrid/u jiġu ssodisfat/i fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien*

Biex tiġi żgurata l-istess l-kapaċità ta' akkwist tal-uffiċjali tal-UE u aġenti oħra irrispettivament mill-post tal-impjeg

1.4. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

Proposta/inizjattiva ta' tul illimitat ta' żmien

- Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-1 ta' Lulju 2013,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.5. Metodu(i) ta' ġestjoni previst(i)³

Ġestjoni diretta ċentralizzata mill-Kummissjoni: PMO

2. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

2.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq il-linji baġitarji kollha marbuta man-nefqa fuq il-persunal fl-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji kollha.

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|----------------------------------|-----------------------|------------------------------------|-------------------------------------|--------------------|--|
| | Numru [Deskrizzjoni.....] | AD/AMD ⁽⁴⁾ | mill-pajjiżi tal-EFTA ⁵ | mill-pajjiżi kandidati ⁶ | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| | XX.01.01.01 u l-Kapitolu 11, il- | AMD | LE | LE | LE | LE |

² ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività (Activity-Based Management) – ABB: Baġit Ibbażat fuq l-Attività (Activity-Based Budgeting).

³ Wieħed jista' jsib id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.ccc/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

⁴ AD = Approprijazzjonijiet differenzjati / AMD = Approprijazzjonijiet Mhux Differenzjati

⁵ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁶ Pajjiżi kandidati u fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

| | | | | | | |
|--|-------------|--|--|--|--|--|
| | Kapitolu 42 | | | | | |
|--|-------------|--|--|--|--|--|

2.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

2.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | | |
|--|---|---|
| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 5 | "Nefqa amministrattiva" XX.01.01.01 u l-Kapitolu 11, il-Kapitolu 42 |
|--|---|---|

EUR miljun (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | | Sena 2013 | Sena 2014 | Sena 2015 | Sena 2016 | Is-snin ta' wara | | | TOTAL |
|-------------------------------|----------------------|--------------|--------------|--------------|--------------|------------------|--|--|-------|
| DĠ: <.....> | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | | | | | | | | |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | |
| TOTAL DĠ <.....> | Approprijazzjonijiet | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|--|--|-------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|-------------------------|
| TOTAL tal-approprijazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Impenji = Pagamenti totali) ^{totali} | 6,351 | 12,701 | 12,701 | 12,701 | 12,701 | 12,701 | 12,701 | Mhux disponibbli |
|--|--|-------|--------|--------|--------|--------|--------|--------|-------------------------|

EUR miljun (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

| | | Sena 2013 | Sena 2014 | Sena 2015 | Sena 2016 | Is-snin ta' wara | | | TOTAL |
|---|-----------|--------------|--------------|--------------|--------------|------------------|--------|--------|-------------------------|
| TOTAL tal-approprijazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 6,351 | 12,701 | 12,701 | 12,701 | 12,701 | 12,701 | 12,701 | Mhux disponibbli |
| | Pagamenti | 6,351 | 12,701 | 12,701 | 12,701 | 12,701 | 12,701 | 12,701 | Mhux disponibbli |

2.2.2. *Impatt stmat fuq l-appoprjazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' appoprjazzjonijiet operazzjonali

2.2.3. *Impatt stmat fuq l-appoprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

2.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appoprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva.

2.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

2.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

2.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

- Il-proposta/inizjattiva ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi.

2.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.